# PROPRJETÀ INTELLETTWALI, INDUSTRIJALI U KUMMERĊJALI

Il-proprjetà intellettwali tinkludi d-drittijiet esklużivi kollha għall-kreazzjonijiet intellettwali. Din tħaddan żewġ tipi ta' drittijiet: il-proprjetà industrijali, li tinkludi l-invenzjonijiet (privattivi), it-trademarks, id-disinni u l-mudelli industrijali, kif ukoll id-denominazzjonijiet tal-oriġini, u d-drittijiet tal-awtur, li jinkludu l-proprjetà artistika u letterarja. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fl-2009, l-UE ngħatat il-kompetenza espliċita għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (l-Artikolu 118).

## BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 114 u 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## OBJETTIVI

Għalkemm jirregolawhom diversi liġijiet nazzjonali, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) huma wkoll soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-UE. L-Artikolu 118 tat-TFUE jipprevedi li, fil-kuntest tal-istabbiliment jew tal-funzjonament tas-suq intern, il-Parlament u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu miżuri għall-ħolqien tal-Liġi tal-UE dwar il-Proprjetà Intellettwali — sabiex tingħata protezzjoni uniformi għad-DPI fl-UE — u għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' awtorizzazzjoni, koordinazzjoni u superviżjoni ċentralizzati fil-livell tal-UE. L-attività leġiżlattiva tal-Unjoni Ewropea tikkonsisti prinċipalment fl-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti speċifiċi tad-DPI permezz tal-ħolqien ta' sistema unika Ewropea, kif inhu l-każ għat-trademark u d-disinn tal-UE, u kif ser ikun il-każ għall-privattivi. L-Uffiċċju ta' Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa l-uffiċċju responsabbli għall-ġestjoni tat-trademark u d-disinn tal-UE.

## KISBIET

### A. L-armonizzazzjoni leġiżlattiva

#### 1. It-trademarks, id-disinni u l-mudelli

Fl-UE, il-qafas ġuridiku għat-trademarks huwa bbażat fuq sistema b'erba' livelli għar-reġistrazzjoni tat-trademarks, li tikkoeżisti mas-sistemi nazzjonali tat-trademarks armonizzati permezz tad-Direttiva dwar it-Trademarks (id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trademarks). Minbarra l-għażla nazzjonali, għażliet

possibbli għall-protezzjoni tat-trademarks fl-UE huma l-għażla tal-Benelux, it-trademark tal-UE, introdotta fl-1994, u l-għażla internazzjonali. Ir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trademark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-EUIPO jissemplifika l-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik tal-UE fir-rigward tat-trademarks u jagħmel ir-reġistrazzjoni tat-trademarks fl-UE orħos, aktar rapida, aktar affidabbli u aktar prevedibbli, li b'hekk tissaħħaħ iċ-ċertezza ġuridika għad-detenturi.

Id-Direttiva 98/71/KE tat-13 ta' Ottubru 1998 tqarreb id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni ġuridika tad-disinni u l-mudelli. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 (emendat) jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-protezzjoni tad-disinni u l-mudelli. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/954/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1891/2006, it-tnejn li huma tat-18 ta' Diċembru 2006, jikkollegaw is-sistema tal-UE għar-reġistrazzjoni ta' disinni jew mudelli mas-sistema internazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' disinni jew mudelli industrijali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO).

**2.** Id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati

Id-drittijiet tal-awtur jiżguraw li awturi, kompożituri, artisti, produtturi tal-films u oħrajn jirċievu ħlas u protezzjoni għal xogħolhom. It-teknoloġiji diġitali biddlu b'mod profond il-mod kif il-kontenut kreattiv jiġi prodott u distribwit u kif jinkiseb aċċess għalih.

**a.** Id-drittijiet tal-awtur

Id-Direttiva 2001/29/KE tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni adattat il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati għall-iżviluppi teknoloġiċi, iżda m'għadhiex adatta minħabba l-iżviluppi ta' rapidità straordinarja li seħħew fid-dinja diġitali, bħad-distribuzzjoni tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u l-aċċess għalihom, b'sitwazzjoni fejn 49 % tal-utenti Ewropej tal-internet fl-UE jaċċessaw il-mużika, il-kontenut awdjoviżiv u l-logħob online (stima tal-Eurostat). Għaldaqstant hija meħtieġa leġiżlazzjoni armonizzata dwar id-drittijiet tal-awtur madwar l-UE għall-konsumaturi, il-kreaturi u l-kumpaniji.

Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali tas-17 ta' April 2019 tipprovdi drittijiet tal-awtur anċillari għall-pubblikaturi tal-istampa u għal remunerazzjoni ġusta għal kontenut protett minn dritt tal-awtur. S'issa, il-pjattaformi online ma kellhom ebda responsabbiltà legali għall-użu u l-upload ta' kontenut protett minn dritt tal-awtur fuq is-siti tagħhom. Ir-rekwiżiti l-ġodda mhux ser jaffettwaw l-upload mhux kummerċjali ta' xogħlijiet protetti minn dritt tal-awtur f'enċiklopediji online bħal Wikipedia.

Id-Direttiva "CabSat" UE/2019/789 tas-17 ta' April 2019 għandha l-għan li żżid l-għadd ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju disponibbli online għall-konsumaturi Ewropej. L-utenti qegħdin dejjem aktar jistennew li jkollhom aċċess għall-kontenut tat-televiżjoni u tar-radju fi kwalunkwe ħin u post. Għaldaqstant, l-organizzazzjonijiet tax-xandir qegħdin joffru aktar servizzi online flimkien max-xandir tradizzjonali tagħhom. Id-Direttiva tintroduċi l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini (COO) biex tiffaċilita l-liċenzjar

tad-drittijiet għal ċerti programmi li x-xandara joffru fil-pjattaformi online tagħhom (pereżempju servizzi ta' xandir simultanju u ripetizzjoni). Ix-xandara ser ikollhom jiksbu permessi tad-drittijiet tal-awtur fil-pajjiż ta' stabbiliment tagħhom fl-UE (jiġifieri l-pajjiż ta' oriġini) sabiex ikunilhom possibbli li l-programmi tar-radju, l-aħbarijiet fuq it-televiżjoni, il-programmi tal-ġrajjiet kurrenti flimkien mal-produzzjonijiet tagħhom, li huma kompletament iffinanzjati, jagħmluhom disponibbli online fil-pajjiżi kollha tal-UE.

Id-Direttiva 2017/1564 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'vista batuta jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat tiffaċilita kemm l-aċċess għal kotba u għal materjal ieħor stampat f'formats adegwati kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fis-suq intern.

Ir-Regolament (UE) 2017/1128 tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern għandu l-għan li jiżgura li l-konsumaturi li jixtru films, xandiriet sportivi, mużika, kotba elettroniċi u logħob jew huma abbonati għalihom jista' jkollhom aċċess għalihom meta jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra tal-UE.

**b.** Il-perjodu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati

Dawn id-drittijiet jiġu protetti għall-ħajja u għal 70 sena wara l-mewt tal-awtur/kreatur. Direttiva 2011/77/UE li temenda d-Direttiva 2006/116/KE dwar it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati estendiet it-terminu tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur għal artisti ta' reġistrazzjonijiet ta' smigħ minn 50 għal 70 sena wara r-reġistrazzjoni, u għall-awturi ta' mużika, bħall-kompożituri u l-liriċisti, għal 70 snin wara l-mewt tal-awtur. Il-perjodu ta' 70 sena sar standard internazzjonali għall-protezzjoni tar-reġistrazzjonijiet awdjo. Fil-preżent, 64 pajjiż madwar id-dinja jipproteġu r-reġistrazzjonijiet awdjo għal 70 sena jew aktar.

**c.** Il-programmi tal-kompjuter u l-bażijiet tad-data

Id-Direttiva 91/250/KEE kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu l-programmi tal-kompjuter bid-drittijiet tal-awtur, bħala xogħlijiet letterarji skont it-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi. Hija ġiet kodifikata mid-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Id-Direttiva 96/9/KE tipprevedi l-protezzjoni legali tal-bażijiet tad-data, u tiddefinihom bħala "**kollezzjoni** ta' xogħlijiet indipendenti, data jew materjali oħra irranġati b'mod sistematiku jew metodiku u aċċessibbli individwalment b'mezzi elettroniċi jew b'mezzi oħra". Id-direttiva tistipula li l-bażijiet tad-data huma protetti kemm permezz tad-drittijiet tal-awtur, li jkopru l-kreazzjoni intellettwali, u kemm permezz ta' dritt *sui generis* li jipproteġi l-investiment (ta' flus, riżorsi umani, xogħol u enerġija) biex jinkiseb, jiġi vverifikat jew jiġi ppreżentat il-kontenut.

**d.** Is-soċjetajiet kollettriċi

Qabel ma jkun jista' jinxtered kontenut protett minn tali drittijiet u s-servizzi konnessi, trid tinkiseb liċenzja mid-detenturi differenti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati. Id-detenturi tad-drittijiet jafdaw drittijiethom f'idejn soċjetà kollettriċi li timmaniġġjahom f'isimhom. Sakemm l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv ma jkollhiex raġunijiet oġġettivament ġustifikati biex tirrifjuta li timmaniġġja dawk id-drittijiet, hija obbligata

timmaniġġjahom. Id-detenturi tad-drittijiet huma liberi li jafdaw l-immaniġġjar ta' drittijiethom lil entitajiet ta' mmaniġġjar indipendenti. Dawn huma entitajiet kummerċjali differenti mill-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv, fost l-oħrajn peress li s-sjieda u l-kontroll tagħhom mhumiex f'idejn id-detenturi tad-drittijiet. Fis-26 ta' Frar 2014, il-Parlament u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2014/26/UE dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu online fis-suq intern, li tistabbilixxi r-rekwiżiti applikabbli għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv, bl-intenzjoni li tiżgura standards għoljin ta' governanza, ġestjoni finanzjarja, trasparenza u rapportar. Din id-direttiva għandha l-għan li tiżgura li d-detenturi tad-drittijiet ikunu involuti fil-ġestjoni ta' drittijiethom u taħseb għal funzjonament aħjar tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv permezz ta' standards madwar l-UE kollha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv jaġixxu fl-aħjar interessi tad-detenturi tad-drittijiet li jkunu jirrappreżentaw, u li ma jimponu ebda obbligu li ma jkunx oġġettivament meħtieġ għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet, jew għall-immaniġġjar effikaċi ta' dawk id-drittijiet.

**3.** Il-privattivi

Privattiva hija titolu ġuridiku li jista' jingħata għal kwalunkwe invenzjoni li jkollha natura teknika, diment li tkun ġdida, tinvolvi pass inventiv u jaf ikollha applikazzjoni industrijali. Privattiva tagħti lil sidha d-dritt li jwaqqaf lil ħaddieħor milli jipproduċi, juża jew ibigħ l-invenzjoni mingħajr permess. Il-privattivi jinkoraġġixxu lill-kumpaniji jagħmlu l-investiment meħtieġ fl-innovazzjoni, u jipprovdu inċentiv biex l-individwi u l-kumpaniji jiddedikaw riżorsi għar-riċerka u l-iżvilupp. Fl-Ewropa, l-invenzjonijiet tekniċi jistgħu jiġu protetti jew minn privattivi nazzjonali mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jew minn privattivi Ewropej mogħtija ċentralment mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP). Dan tal-aħħar huwa l-fergħa eżekuttiva tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi, li issa tinkludi 38 stat kontraenti. L-UE nnifisha mhijiex membru ta' dik l-organizzazzjoni.

Wara snin ta' diskussjonijiet bejn l-Istati Membri, il-Parlament u l-Kunsill approvaw il-bażi ġuridika għal privattiva Ewropea b'effett unitarju (privattiva unitarja) fl-2012. Għaldaqstant, ftehim internazzjonali bejn l-Istati Membri jistabbilixxi ġurisdizzjoni unika u speċjalizzata għall-privattivi.

Il-konferma mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-pakkett dwar il-privattivi fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Mejju 2015 fil-Kawżi C-146/13 u C-147/13 wittiet it-triq għal privattiva Ewropea reali. L-iskema preċedenti ser tikkoeżisti b'mod parallel mas-sistema l-ġdida sakemm tiġi stabbilita l-Qorti Unifikata tal-Privattivi (QUP).

Ladarba tkun ingħatat mill-UEP, privattiva unitarja ser tipprovdi protezzjoni uniformi li jkollha effett ekwivalenti fil-pajjiżi parteċipanti kollha. L-impriżi ser ikollhom l-għażla li jipproteġu l-invenzjonijiet tagħhom fl-Istati Membri kollha tal-UE permezz ta' privattiva unitarja waħda. Ser ikunu jistgħu jikkontestaw u jiddefendu wkoll privattivi unitarji f'azzjoni waħda quddiem qorti permezz tal-QUP; ġie propost li s-sedi tagħha jkunu f'Londra, fi Munich u f'Pariġi. Dan ser jissemplifika s-sistema u jiffranka spejjeż ta' traduzzjoni. Madankollu, b'segwitu għar-referendum ta' Ġunju 2016 fir-Renju Unit dwar il-ħruġ mill-UE, hemm dubji serji dwar jekk pajjiż mhux tal-UE jistax ikun stat kontraenti

tal-Ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi (UPCA). Barra minn hekk, il-formulazzjoni attwali tal-UPCA tipprevedi b'mod ċar li s-supremazija tad-dritt tal-UE trid tiġi rispettata (l-Artikolu 20 tal-UPCA) u li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QĠUE) għandhom ikunu vinkolanti fuq il-QUP u, għaldaqstant, anke fuq ir-Renju Unit.

**4.** Is-sigrieti kummerċjali

Il-prattika li ċerta informazzjoni tinżamm kunfidenzjali ilha ssir għal sekli sħaħ. F'ħafna pajjiżi jeżistu strumenti ġuridiċi għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, kemm jekk ikunu definiti li huma parti mid-DPI u kemm jekk le. Il-livell ta' protezzjoni mogħti lill-informazzjoni kunfidenzjali ma jistax jitqabbel ma' oqsma oħra tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali bħall-privattivi, id-drittijiet tal-awtur u t-trademarks. Kemm il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u kemm l-approċċi meħuda jvarjaw aktar bejn pajjiż u ieħor milli jiġri f'oqsma oħra tad-DPI. Il-qafas ġuridiku fis-seħħ huwa taħlita ta' ħafna partijiet differenti, imma mill-2016 sar hemm qafas ġuridiku tal-UE, speċifikament id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom.

**5.** Il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni

Skont l-estimi, l-importazzjonijiet ta' prodotti ffalsifikati u kkupjati fl-UE jammontaw għal madwar EUR 85 biljun (sa 5 % tal-importazzjonijiet totali). Madwar id-dinja, il-kummerċ ta' prodotti kkupjati jammonta għal 2.5 % tal-kummerċ u għal EUR 338 biljun, li huwa ta' ħsara sinifikanti għad-detenturi tad-drittijiet, għall-gvernijiet u għall-ekonomiji.

Peress li d-differenzi fis-sistemi nazzjonali ta' sanzjonijiet kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija kienu qegħdin jagħmluha diffiċli għall-Istati Membri biex jiġġieldu kontra dawn ir-reati b'mod effikaċi, bħala pass inizjali l-Parlament u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2004/48/KE fuq l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. L-għan tagħha huwa li tintensifika l-ġlieda kontra l-piraterija u l-falsifikazzjoni billi tqarreb is-sistemi leġiżlattivi nazzjonali sabiex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni għoli, ekwivalenti u omoġenju għall-proprjetà intellettwali fis-suq intern u tipprovdi miżuri, proċeduri u kumpens fi ħdan il-liġi ċivili u amministrattiva. Ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-DPI jipprevedi regoli proċedurali maħsuba biex l-awtoritajiet doganali jinfurzaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fir-rigward tal-oġġetti li jkunu sottoposti għal superviżjoni jew kontroll doganali.

**B.** It-teorija tal-"eżawriment" tad-drittijiet

**1.** Id-definizzjoni

Skont din it-teorija, id-detentur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali industrijali jew kummerċjali protett mil-liġi ta' Stat Membru ma jistax jinvoka din il-liġi biex jipprevjeni "l-importazzjoni ta' prodott li jkun diġà tqiegħed fis-suq ta' Stat Membru ieħor". Din it-teorija tapplika għall-oqsma kollha ta' proprjetà industrijali.

**2.** Il-limiti

It-teorija tal-eżawriment tad-drittijiet tal-UE ma tapplikax għall-każijiet fejn ikun qiegħed jiġi kkummerċjalizzat prodott iffalsifikat, u lanqas għall-prodotti kkumerċjalizzati barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet ta' proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ — TRIPS). Fl-1999, il-Qorti tal-Ġustizzja,

fis-sentenza tagħha dwar il-Kawża Sebago Inc. u Ancienne Maison Dubois & Fils SA vs GB-Unic SA (C-173/98), iddeċidiet li l-Istati Membri ma jistgħux jiddisponu fil-liġi nazzjonali tagħhom għall-eżawriment tad-drittijiet mogħtija minn trademark fir-rigward ta' prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq f'pajjiżi mhux membri.

**3.** L-atti ġuridiċi ewlenin f'dan il-qasam

— Id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali;

— Id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-kordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet tal-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable;

— Id-Direttiva 2001/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti.

**C.** Il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)

Fl-2012, il-QĠUE, fil-Kawża SAS (C-406/10), ikkonfermat li, skont id-Direttiva 91/250, l-espressjoni biss ta' programm tal-kompjuter hija protetta mid-drittijiet tal-awtur u li l-ideat u l-prinċipji li huma l-bażi tal-loġika, tal-algoritmi u tal-lingwi ta' programmar mhumiex protetti taħt din id-direttiva (paragrafu 32 tas-sentenza). Il-Qorti saħqet fuq il-fatt li la l-funzjonalità ta' programm tal-kompjuter u lanqas il-lingwa ta' programmar u l-format tal-fajls bid-data li jintużaw fi programm tal-kompjuter biex jiġu sfruttati wħud mill-funzjonijiet tiegħu ma jikkostitwixxu forma ta' espressjoni ta' dan il-programm għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/250 (paragrafu 39).

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-160/15 (GS Media BV vs Sanoma Media Netherlands BV), il-QĠUE ddikjarat li, jekk fuq sit web jittella' iperlink għal xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur u ppubblikati mingħajr l-approvazzjoni tal-awtur fuq sit web ieħor, dan ma jikkostitwixxix "komunikazzjoni lill-pubbliku", meta l-persuna li ttella' l-link ma tkunx qiegħda tfittex lukru u taġixxi mingħajr l-għarfien li dawk ix-xogħlijiet kienu ġew ippubblikati illegalment.

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-484/14 tal-15 ta' Settembru 2016, il-QĠUE ssostni li, jekk netwerk tal-Wi-Fi jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali mingħajr ħlas sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-klijenti potenzjali lejn il-prodotti u s-servizzi ta' ħanut, dan jikkostitwixxi "servizz minn soċjetà tal-informazzjoni" skont id-direttiva, u tikkonferma li, taħt ċerti kundizzjonijiet, fornitur ta' servizz li jipprovdi aċċess għal netwerk ta' komunikazzjoni ma jistax jitqies responsabbli. B'konsegwenza ta' dan, id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur mhumiex intitolati jitolbu kumpens għall-fatt li n-netwerk intuża minn partijiet terzi bi ksur ta' drittijiethom. Il-protezzjoni tal-konnessjoni għall-internet permezz ta' password, tiżgura bilanċ bejn, minn naħa, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tad-detenturi u, min-naħa l-oħra, il-libertà li jitmexxa negozju ta' fornituri tal-aċċess u l-libertà ta' informazzjoni tal-utenti tan-netwerk.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-proprjetà intellettwali toħloq valur miżjud għan-negozji u l-ekonomiji Ewropej. Il-protezzjoni u l-infurzar uniformi tagħha jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Il-Parlament huwa għaldaqstant impenjat li jipprova jarmonizza d-DPI billi joħloq sistema Ewropea waħda parallela mas-sistemi nazzjonali, kif inhu l-każ għat-trademarks u għad-disinni tal-UE, kif ukoll għall-privattiva unitarja Ewropea.

Permezz ta' diversi riżoluzzjonijiet dwar id-DPI, u b'mod partikolari dwar il-protezzjoni ġuridika tal-bażijiet tad-data, l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi u d-drittijiet tal-awtur, il-Parlament argumenta favur l-armonizzazzjoni progressiva ta' dawn id-drittijiet. Barra minn hekk, huwa oppona l-għoti ta' privattivi li jkopru partijiet tal-ġisem tal-bniedem. Fis-27 ta' Frar 2014, il-Parlament adotta riżoluzzjoni fuq inizjattiva proprja dwar imposti fuq l-ikkupjar privat (id-dritt li jiġu prodotti kopji privati ta' kontenut akkwistat legalment), peress li l-ikkupjar diġitali f'livell privat assuma importanza ekonomika sostanzjali b'riżultat tal-progress teknoloġiku. Il-Parlament żvolġa wkoll rwol attiv ħafna fl-abbozzar tat-Trattat tal-WIPO dwar l-eċċezzjonijiet mid-drittijiet tal-awtur għall-persuni b'vista batuta (it-"Trattat ta' Marrakexx").

Bħala ħidma preparatorja għar-riforma tar-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur (ara A.2.a), il-Parlament adotta, f'Settembru 2018, rapport b'għadd ta' rakkomandazzjonijiet importanti dwar il-kwistjonijiet kollha li qegħdin jiġu diskussi fil-preżent. Matul il-proċess leġiżlattiv, kien hemm dibattitu pubbliku intensiv dwar l-Artikoli 11 u 13 tal-abbozz tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur fis-suq uniku diġitali. Dan id-dibattitu wassal għal vot tal-Parlament li saħħaħ l-isforzi biex jinħoloq kemm dritt ġdid li jistabbilixxi li l-pubblikaturi ta' mezzi tal-informazzjoni jistgħu jimmonetizzaw il-kontenut fuq ċerti pjattaformi tal-aħbarijiet kbar kif ukoll dritt ġdid li jagħmilha aktar faċli li jiġu ttraċċati l-ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq l-internet. Filwaqt li l-industrija kreattiva kienet sodisfatta f'dan ir-rigward, ir-rappreżentanti tal-kumpaniji teknoloġiċi kkritikaw il-proposti. Fl-aħħar nett, għal darb'oħra vot tal-Parlament stabbilixxa d-direzzjoni ta-negozjati mal-Kunsill u l-adozzjoni finali tad-Direttiva fis-17 ta' April 2019.

Udo Bux
05/2019